**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tlieta, 20 ta' Gunju 2017**

Numru 2

**Rikors Nru. 752/2014**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Bahar**
**'il fuq minn ghaxar metri numru 1262/2014**

**Cassar Fuel Limited**

**vs**

**M.V. MADRA IMO 8918710**
**u b'digriet tat-22 ta' Jannar 2015**
**Dr. Alessandro Lia u P.L. Gerald Bonello**
**gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw**
**lil vapur M.V. MADRA IMO 8918710 li ma jinstabx Malta, u**
**b'digriet tad-9 ta' April 2015**
**Dr. Christopher Chircop u P.L. Quentin Tanti**
**gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw**
**lis-sidien tal-vapur Madra Marine Co Ltd u**
**lil kaptan Ali Yilmaz b'Passaport Tork numru U09053427**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta Cassar Fuel Limited tad-29 ta' Awwissu, 2014 li jghid hekk:

Illi permezz tal-mandat ta' arrest debitament ippresentat u mitlub lil din l-Onorabbli Qorti fid-19 ta' Awwissu 2014 l-istess Qorti b'digriet taghha hawn

anness u mmarkat dokument A, akkordat il-hrug tal-mandat u arrest tal-vapur M V Madra liema mandat ta' arrest kien validalment notifkat sija lil Awtoritajiet u sija lill-istess bastiment kif jikkonfermaw Dokumenti B u C hawn annessi.

Illi l-istess digriet u arrest effettiv gie debitament notifikat kif dirett mill-istess Onorabbli Qorti u l-istess Marixalli tal-Qorti accedew fuq l-istess vapur irmiggat fl-ibhra territorjali Maltin, sabiex innotifikaw lill-istess vapur u l-Kaptan tieghu AIi Yilmaz li ghandhu l-Passaport Tork numru U09053427 direttament minghajr ma gew elevati ebda dokumenti tal-istess vapur stante u dawn gew precedentement elevati u maqbuda bil-mandat numru 1255/14 mitlub u akkordat mill-istess Onorabbli Qorti min kredituri ohrajn u l-istess dokumenti elevati jinstabu fil-pussess tar-Registratur tal-Qrati wara li kienu elevati mill-Marixxall Stephen Agius.

Illi d-dokumenti elevati jikkonsistu f'Dokument D, E u F li kopja taghhom hija hawn ippresentata.

lllì jirrizulta illi l-istess bastiment arrestat ufficjalment b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti fit-23 ta' Awwissu 2014 intfiet is-sistema tan-navigazzjoni bis-satellita tieghu u l-istess vapur harab mill-ibhra territorjali Maltin.

Dan l-istat ta' fatt gie debitament ikkonfermat mal-Awtorita tat-Trasport Malta (Transport Malta), li hija l-awtorita inkarigata ufficjalment u skond il-ligi ai termini tal-artikolu 857(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bhala l-Awtorita kompetenti Ii ghandha l-kustodja u l-kontroll ta' kull vapur arrestat.

Fid-dawl tas-suespot l-imsemmi bastiment u l-Kaptan tieghu abbusivament u illegalment kisru id-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti bi ksur tal-artikolu 865 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta'Malta.

Ghaldaqstant is-socjeta rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ai termini tal-artikolu 865(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Tiddikjara lill-istess sidien tal-vapur, noleggatur taht barboat charter u kull persuna li kienet fil-pussess tal-imsemmi bastiment meta l-istess bastiment harab u kiser l-arrest ordnat min din l-Onorabbli Qorti, inkluz ukoll l-imsemmi Kaptan Ali Yilmaz Ii ghandhu l-Passaport Tork numru U09053427 sabiex ikunu responsabbli in solidum ghall-penali ta' mija u sittax-il elf u erba’ mija u sebghin euro (€116,470.00 ) u li l-istess penali jithallsu lis-socjeta rikorrenti li hija l-parti li harget il-mandat.
2. Tikkundanna u tordna lill-istess u/jew min minnhom ghall-hlas effettiv tal-istess penali prefissa mil-ligi favur is-socjeta rikorrenti .

Rat ir-risposta tal-kuraturi appuntati biex jirraprezentaw lil vapur li tghid hekk:

1. F'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw Ii jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri, jekk ikun il-kaz, meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw ma' xi membru tal-ekwipagg tal-bastiment jew rapprezentant iehor tal-istess bastiment minnhom rappresentat. F'dan ir-rigward l-esponenti minn issa jitolbu lir-rikorrent sabiex jipprovdilhom kull

indirizz inkluz dak elettroniku u/jew numru tat-telephone ta' xi membru tal-ekwipagg jew ta' xi rapprezentant iehor tal-bastiment MV MADRA sabiex ikunu jistghu jikkomunikaw maghhom.

2. F'kull kaz u preliminarjament, l-eccepjenti mhumiex il-legittimi kontradditturi peress li t-talba attrici hija diretta fil-konfront tas-sid, in-noleggatur taht bareboat charter jew persuna ohra li jkollha l-pussess tal-vapur jew bastiment skond l-artikolu 865(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta tal-kuraturi appuntati biex jirraprezentaw lis-sidien tal-vapur li tghid hekk:

1. IIi hija s-socjeta attrici li ghandha l-piz tal-prova u cjoe illi trid tkun is-socjeta li tressaq il-provi u permezz ta' dawn l-istess provi mressqa minnha tikkonvinci IiI dina Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess socjeta attrici qeghda taghmel fil-konfront tas-socjeta intimata huma fondati.

2. Illi l-esponenti f'dan l-istadju jiddikjaraw Ii m'ghandhomx konoxxenza tal-fatti ta' dan il-kaz, minhabba l-fatt Ii minkejja li ntbaghtet ittra fl-indirizz indak ghadha ma saret l-ebda korrispondenza u ghaIdaqstant qeghdin jirrizervaw id-dritt li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri jekk huma jsiru konoxxenti ta' fatti relatati ma' dan il-kaz.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici li hija minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tal-1 ta' Marzu 2017 fejn il-partijiet iddikjaraw li l-provi kollha fil-kawza 902/2014 fl-ismijiet Cassar Fuel Limited vs Awtorita ghat-Trasport f'Malta japplikaw ghal din il-kawza;

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-eccezzjoni tal-kuraturi ghal vapur li l-vapur ma hux legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri giet deciza b'sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Gunju 2015.

**Ikkunsidrat**

Jibda biex jinghad illi l-procedura proposta mis-socjeta rikorrenti hi msejsa fuq l-artikolu 865(1) tal-Kap. 12 li tghid hekk:

> Jekk, minkejja l-hrug u l-ezekuzzjoni ta' mandat ta' arrest kawtelatorju, vapur jew bastiment jitnehha mill-gurisdizzjoni tal-qorti bi ksur tal-mandat ta' arrest, is-sid, in-noleggatur taht bareboat charter jew persuna ohra li jkollha l-pussess tal-vapur jew bastiment meta jsir dak il-ksur ikunu responsabbli in solidum ghal penali ta' mija u sittax-il elf u erba mija u sebghin euro li jithallsu lill-parti li tohrog il-mandat.

Harsa lejn l-artikoli li jirrigwardaw l-arrest ta' vapuri, hu car illi dan il-provvediment hu sanzjoni prevista mill-ligi meta ordni tal-Qorti tigi injorata. Fil-fatt dan l-artikolu hu provvediment u rimedju parzjali ghal disprezz lejn ordni tal-istess Qorti u intiza biex tikkumpensa, bla pregudizju ghal rimedji ohra, lil kredituri ghal fatt tal-vjolazzjoni tal-ordni tal-Qorti.

Intiza bhala tali l-azzjoni hi wahda li tista titqies bhala wahda personali kontra min ivvjola l-ordni espressa tal-Qorti. Di fatti l-ordni ta' arrest ipoggi l-vapur taht il-kustodja tal-awtoritajiet marittimi pendenti ordni iehor tal-Qorti. L-arrest hi forma ta' garanzija ghal kredituri prima facie li permezz tal-ordni tal-arrest l-oggett jifforma sigurta f'idejn il-Qorti pendenti l-ezitu tal-mertu tal-azzjoni anki jekk din tkun wahda in rem. Isegwi li kull min jivvjola l-ordni tal-Qorti minghajr awtorizzazzjoni jaqa' fis-sanzjoni imposta bl-artikolu 865(1).

Il-kwistjoni fil-mertu hi jekk gietx vjolata l-ordni tal-Qorti moghtija bil-mandat ta' arrest tal-vapur 1262/2014 notifikat lil kaptan tal-vapur MV Madra fid-19 ta' Awwissu 2014 fuq talba tas-socjeta attrici qua prima facie kreditrici. It-talba saret kontra s-sid tal-vapur u l-istess kaptan.

Jirrizulta mill-provi prodotti f'dan ir-rikors u fil-kawza Cassar Fuel Limited vs Awtorita tat-Trasport f'Malta (902/2014) li l-provi fiha jghoddu f'din il-kawza u vice versa illi l-vapur Madra kien ormeggjat f'area 3 west, xi disa' mili mill-kosta Maltija. Emiliano Frau, supervisor tal-Vessel Tracking Services fil-Valletta Port Control qal li huma jassenjaw il-berths ghal vapuri u jzommuhom taht sorveljanza b'automatic information system bir-radar. Xi hin wara l-10.00pm fit-23 ta' Awwissu 2014 induna li l-echo radar wara t-tracking system tal-vapur kienet qed ticcaqlaq li mhux normali ghax it-tracking system hi assocjata mar-radar. Huma allartaw il-forzi armati b'kuntatt telefoniku dirett. Zied li qabel dan dehret automatic information system AIS gdida bl-istess isem tal-vapur li pero

ghall-ewwel hasbu li kien xi peskaregg Taljan fl-ibhra Maltin kif gieli gara. Dan pero seta' kien indikattiv ta' xi tracking system falza. Sadattant ippruvaw jikkomunikaw mal-bastiment pero bla success. Ikkomunikaw ukoll mal-agent li ma rnexxilhux anqas jikkomunikaw mal-vapur. Minn-naha tal-Awtorita baghtu 'blind message' lil vapur biex jirritorna f'postu izda ma hadux risposta. Blind message huwa messagg miftuh f'kaz li jkun hemm hsara f'apparat ta' kommunikazzjoni tal-vapur. Meta kkuntattjaw lil Forzi Armati dawn qalulhom li kienu baghtu patrol boat tinvestiga. Gie esebit il-log ufficjali ta' dan kollu markat Dok. RV2 a fol. 73 tal-process.

Dr Robert Vassallo, compliance manager fid-Direttorat tal-Portijiet u rapprezentant tal-Awtorita tat-Trasport xehed illi mindu gie maqbud il-bastiment Madra fid-19 ta' Awwissu 2014, l-istess vapur ma ccaqlaqx qabel l-24 ta' Awwissu 2014 meta nqala' dak li nqala'. Li kieku iccaqlaq qabel, it-tracking system kien jindikah. Zied li meta jigi ricevut mandat ta' arrest ta' bastiment tigi nfurmata mill-ewwel it-turretta biex jikkomunikaw mal-bastiment, jigi notifikat il-port operations u jigu notifikati wkoll l-awtoritajiet l-ohra fosthom l-armata. Oltre dan gie sussegwentement notifikat il-pajjiz tal-bandiera tal-vapur cioe il-Belize u harget International Prohibition of Sailing Order wara li l-vapur harab mill-ibhra Maltin. Hu zied illi s-sistema ta' tracking li tigi abbinata mal-vapur hi open source u hemm il-possibilita illecita li l-kaptan tal-bastiment jista' jidhol fiha u jbiddel l-isem tal-vapur. X'aktarx hekk gara f'dan il-kaz ghax fil-vicinanzi kien hemm bastiment iehor u taht il-koperatura tieghu biddel l-isem biex iqabblu ma' dan u beda jcaqlaq il-vapur mnejn kien wieqaf. Il-vapur inzamm fit-Turkija jew Cipru pero s-sidien bidlu l-bandiera tal-vapur u l-prohibiton order ma baqghetx tapplika. Ix-xhud qal li qabel il-mandat odjern il-vapur kien gia inqabad b'mandat iehor Malta 1255/2014 fejn id-dokumentazzjoni tal-vapur kienet gia inqabdet permezz tal-imsemmi mandat.

Il-Qorti hi tal-fehma illi gie ppruvat illi l-kaptan tal-vapur MV Madra ivvjola l-ordni ta' qbid li kellu l-vapur u harab mill-ibhra territorjali Maltin biex jevita l-effetti tal-mandat li kienu japplikaw ghat-territorju Malti.

Il-ligi hi tassattiva fuq l-effetti li jinsorgu minn ksur ta' mandat ta' qbid ta' vapur. F'dan il-kaz is-sid u l-kaptan li kellu l-pussess tal-vapur u li evada l-effetti tal-mandat ta' qbid tal-vapur huma solidament responsabbli skond l-artikolu 865(1) tal-Kap. 12. Ma rrizultax li kien hemm nollegatur jew persuna ohra fil-pusses tal-vapur. Il-ligi hi wkoll tassattiva dwar il-penali ghal ksur tal-ordni tal-Qorti u bla pregudizzju ghar-responsabilta individwali bejn is-sid u l-kaptan, il-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tintlaqa' fil-konfront tas-sidien tal-vapur Madra u l-kaptan Ali Yilmaz.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti kontra s-sidien tal-vapur cioe Madra Marine Co Ltd u l-kaptan Ali Yilmaz b'passaport U090534527 u tikkundannahom ihallsu in solidum lis-socjeta attrici s-somma ta' €116,470 bhala penali ghal ksur tal-ordni tal-Qorti bil-mandat 1262/2014. Spejjez ghall-intimati.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur